MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2014

Numru. 32/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Jozef Juan Cauchi**

Numru 32/2014

Illum 3 ta' Dicembru 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Jozef Juan Cauchi**, ta' sitta u ghoxrin (26) sena, iben John u Mariella neé Xuereb, imwieled ir-Rabat, Ghawdex, nhar il-11 ta' Ottubru

1988, residenti St. Andrew's, Flat 5, Triq ta' Barda, Marsalforn limiti taz-Zebbug, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 3489(G), akkuzat talli nhar id-29 ta' Settembru 2013 u fil-granet u kif ukoll fix-xhur ta' qabel gewwa Marsalforn limiti taz-Zebbug, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer, f'hinijiet differenti:

1. kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. talli sar recidiv b'sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) datata nhar it-28 ta' April 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew mhassra.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) (Dok. "C").

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, l-istqarrija rilaxxata minnu, il-fedina penali (Dok. "B") tieghu, u, kif ukoll, il-fatt li l-imputat huwa recidiv. Il-Qorti hija tal-fehma li jezistu ragunijiet bizzejjed sabiex jigi applikat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dana sabiex l-imputat jigi mghejjun biex jaghraf u jimxi fit-triq it-tajba.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6, l-Ewwel Skeda u Artikoli 22 (1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), Regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Jozef Juan Cauchi hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Jozef Juan Cauchi taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlitt (3) snin mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Jozef Juan Cauchi bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet <u>kollha</u> elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghti b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Jozef Juan Cauchi.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita u l-affarijiet relatati maghha mmarkati bhala Dok. "E" taħt il-ħarsien tar-Registratur.

Finalment, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li ma gewx imqabbda l-ebda esperti f'dawn il-proceduri.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------